# Żmien il-Kjeriċi miżżewġin u opportunisti, bis-Sensja tal-Knisja

**Minn Gwido Lanfranco**

*Artiklu użat bil-permess tal-awtur. L-artiklu deher għall-ewwel darba fil-programm tal-Festa tal-Madonna tar-Rużarju fil-Gudja, maħruġ mis-Soċjeta Filarmonika "La Stella" fil-Gudja fl-2008*

**It-tonsura hija tiqxira tonda fuq ir-ras ta' dawk li jidħlu għas-servizz tas-sacerdozju. Skont l-użanza taż-żminijiet mgħoddija, il-Knisja u s-saċerdoti tagħha kienu jgawdu ċerti privileġġi u immunitajiet. Għalhekk kien hemm min jidħol għat-tonsura u jibqa jġebbed fiż-żmien mingħajr ma jkompli għal qassis biex sadanittant ikun taħt il-protezzjoni tal-Isqof u jgawdi l-privileġġi u l-immunitajiet assoċċjasti ma' dan l-istat. Minħabba dawn l-abbużi l-Kunsill ta' Trento, li seħħ bejn is-snin 1545 u 1547 kien ordna li t-tonsura għandha tingħata biss lil dawk li fi ħsiebhom ikomplu għall-qassisin u mhux jibqgħu dejjem fl-ewwel stadji ta' kjeriċi minuri.**

**Imma fMalta nħolqot sitwazzjoni differenti minn dik tal-kumplament tal-Ewropa. Fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann, mill-1530 sal-1798 il-Maltin kellhom fuqhom lill-Gran Mastru tal-Ordni u lill-Isqof, u ftit waraġie ikoll l-Inkwiżitur. Dawn it-tlieta kienu entitajiet reliġjużi taħt il-Papa u t-tlieta kellhom il-qorti u l-ħabs tagħhom, kienu jħossuhom indipendenti minn xulxin u rivali bejniethom għall-poter. Biex ikollu aktar ħakma fuq il-Maltin u jisfida l-poter tal-Ordni bħala gvern ta' Malta, l-Isqof kien jagħti t-tonsura lil għadd ġmielu ta' ndividwi biex ikollu aktar nies taħt l-awtorità tiegħu. Mhux biss, imma fl-1625 s-Sinodu lokali ma tax kas tad-direttivi tal-Kunsill ta' Trento u ddeċieda li wkoll li subien minn 7 snin 'l fuq setgħu jingħataw it-tonsura, basta jkunu jafu l-Kredu, l-Missierna, s-Sliema u jemmnu fit-Trinità, fl-Inkarnazzjoni u dwar il-Passjoni, u żied li jistgħu jiżżewġu basta jkunu eżemplari, u dawk mhux miżżewġin ma jżommux mara d-dar!**

**Milli jidher mhux biss il-kjeriċi minuri kienu jidħlu għat-tonsura biex jevitaw l-obbligi tal-istat. Fl-ewwel enċiklopedija li saret f Malta, minn**

**Domenico Magri fl-1644 *Nottia de vocabuli ecclesiastici* taħt il-kelma "*clericus*" jingħad li skont l-ordni tal-Kongregazzjoni tal-Kardinali m'għandux ikun hemm aktar qassisin milli hemm bżonn, u kompla jgħid li f'Malta kien hemm l-abbuż ikrah li l-maġġoranza ta' saċerdoti saru hekk biex jevitaw arresti u jirbħu l-beneflzzi.**

**Kjeriċi mezz ta' xkiel għall-gvern tal-Ordni**

**Il-Gran Mastru dejjem kellu l-problemi minħabba dawn il-kjeriċi. Waħda kienet li, meta jkollu bżonn suldati jew għassa jew dmirijiet oħra ta' difiża, ma kienx isib għajnuna għax il-kjeriċi jirriifjutaw. Ukoll il-kjeriċi kien jinqeda bihom l-isqof għal ħwejjeġ personali. Meta bdiet tiela' l-belt il-ġdida ta' Valletta, l-isqof beda jibni palazz għalih fiha bla permess. Il-Gran Mastru ma xtaqx rivalitajiet fil-belt tiegħu u arresta lill-ħaddiema, imma l-Isqof malajr tahom it-tonsura biex ma jkunux jistgħu għalihom.**

**L-aktar li kien hemm diżordni kien fi żmien l-Isqof Balaguer li kien jagħtihom it-tonsura kif ġie ġie, iħallihom jagħmlu li jridu u jilbsu kif iridu fil-ħajja normali miingħajr ma' jagħmlu d-dmirijiet ta' kjeriċi. Kienu saħansitra jġorru l-armi, jagħmlu xagħarhom tal-moda, u jaħdmu fuq il-galeri, fil-ħwienet tax-xorb, tal-laħam, tal-mastrudaxxi u snajja oħra.**

**Fl-aħħar snin tas-seklu sbatax kjeriku ġie akkużat li telaq minn Malta għax qaleb għall-Islam. *In absentia* ġie kkundannat għall-mewt, saret xbiha tiegħu u ħarquha pubblikament. Fl-1766, fost oħrajn, l-isqof ta t-tonsura lil wieħed ta' 11-il sena li kompla jikber mingħajr ma jilbes suttana u spiċċa biex qatel żewġ nisa xjuħ. Kjeriku ieħor, fl-1676, kien qatel lill-Kappillan ta' Ħal Balzan, Giovanni Battista Zarb.**

**Il-Gran Mastru kien jitlob lir-re u lill-Papa biex isibu soluzzjoni għax kellu kriżi ta' difiża. Il-Papa kien ordna lill-Isqof biex jikkopera mal-Ordni u jġiegħel lill-kjeriċi miżżewġin jagħtu sehemhom fid-difiża. Il-Gran Mastru kien talab lill-Isqof inaqqas in-numru ta' kjeriċi miżżewġin għax dawn żgur ma kellhomx vokazzjoni ta' qassis. It-tfal tagħhom ukoll kienu jibqgħu awtomatikament igawdu l-protezzjoni tal-Isqof u l-immunità ekkleżjastika.**

**Is-suldati tal-milizja kollha kellhom jagħtu s-servizz tagħhom meta**

**jinqala' l-bżonn u l-Isqof ġieli ħass li l-kjeriċi kellhom jagħmlu l-istess. Għalhekk f'Lulju tal-1616 u f'Marzu tal-1617, ħareġ digrieti biex il-kjeriċi jikkoperaw. Dawk li jieħdu l-ewwel tonsura u jibqgħu biha biex jieħdu d-drittijiet ekkleżjastiċi kienu bosta taħt Cagliares u l-iktar taħt Balaguer li laħaq warajh. L-Inkwiżitur ukoll kien jagħmel bħall-Isqof billi jirranġa biex tingħata t-tonsura lin-nies ta' madwaru biex ikollu aktar setgħa. Dawn tal-ewwel tonsura, fost id-drittijiet li kellhom, kienu jistgħu jixtru qamħ irħas minn ħaddieħor, u ma kienux jagħmlu l-għassa obbligatorja bħall-ħaddieħor.**

**Fl-1715 il-Gran Mastru kien kiteb lill-Kongregazzjoni tal-Immunitajiet li ma jistax ikun jibqgħu sejrin hekk. In-nobbli u sinjuri oħra kienu obbligati jkollhom dejjem lest żiemel jekk jinqala' l-bżonn ta' difiża imma, billi bosta minnhom ħadu l-ewwel tonsura, ċelibi jew miżżewġin, ma kienux jagħmlu dan. Fl-1594 Verdala kien talab lill-Papa jagħmel xi ħaġa għax fl-epidemja tal-pesta kien tilef għadd ta' suldati u ma kellux nies biżżejjed għall-milizja jekk jinqala' l-bżonn. Fl-1720 l-Isqof Canaves u l-Gran Mastru Zondadari ftehmu li jordnaw lill-kjeriċi jilbsu sewwa u jservu 'l Knisja u jekk ma jobdux jgħaddu taħt l-Ordni. Fl-1722 meta kien hemm biża' ta' invażjoni ġew ordnati wkoll mill-Inkwiżitur biex iħallsu t-taxxi meħtieġa waqt li l-Gran Mastru heddidhom bl-eżilju.**

**<u>Ilbies tal-kjeriċi minuri</u>**

**L-Isqof Balaguer kien laqqa' Sinodu Djoċesan u fir-rapport kompla jidher li xorta setgħu ikunu miżżewġin inma ħarġu direttivi dwar ilbieshom. Il-kjeriċi kollha kellhom jilbsu suttana sewda tas-suf twila sal-għaksa. Setgħet tkun tal-ħarir imma mingħajr tiżjin u mhux tad-damask. Kellhom jilbsu wkoll kappa jew mantell twil daqs is-suttana għalkemm seta' jkun ftit iqsar. Il-kappeli ma kellux ikun speċjali. Il-kalzetti setgħu ikunu tal-għażel, tas-suf, tal-ħarir jew tal-bellus. Iż-żarbun kellu jkun iswed jew vjola ħamrani mingħajr dekorazzjoni tad-deheb u l-fidda. Fl1703 l-Isqof Cocco Palmeri ddikjara li kjeriċi minuri li kienu għadhom l-iskola, jew għal xi raġuni oħra valida, setgħu jilbsu suttana qasira imma l-kjeric kollha kellhom jilbsu l-mantar meta joħorġu barra. Fl-1720 l-Isqof Canaves ordna lill-kjerlci li kellhom jagħmlu d-dmirijiet tagħhom sewwa u jilbsu l-kappa: min ma jobdix seta jiġi mgħoddi taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ordni u jitlef il-privileġġi.**

**Kjeriċi kullimkien**

**Fl-1638 kien hawn f'Malta 219 qassisin, 644 kjeriċi mhux miżżewġa u 280 miżżewġin. Fl-1669 ġie rrappurtat li kien hemm 422 qassis, 347 kjeriċi sempliċi u 226 kjeriċi miżżewġin. Ukoll irħula żgħar kellhom kjeriċi numerużi fis-seklu sbatax, għax, għalkemm ma saritx lista tagħhom, mir-reġistri ta' min għamel parrinu jew min iżżewweġ ġa kien hemm 15 jew aktar; dan minbarra l-qassisin. Fl-1686, f'Ħal Lija kien hemm 9 qassisin, djaknu, suddjaknu, 6 kjeriċi sempliċi u wieħed miżżewweġ, filwaqt li fl-1747, f'Ħaż-Żebbuġ kien hemm 4 qassisin u 7 kjeriċi, wieħed minnhom tabib, għalkemm din id-drawwa ta' tonsura kienet ikkundannata minn Ruma. Fl-1787, f'Birkirkara kien hemm 45 qassis, 9 kjeriċi ċelibi u wieħed miżżeweġ minn popolazzjoni ta' xi 4,000.**

**Fl-1680, fir-rapport tal-Isqof Molina tal-viżta pastorali fl-Imqabba jidher li f'popolazzjoni ta' 500 kien hemm 300 li kellhom il-faklutà li jitqarbnu f'100 familja jew dar. Għal dawn kien hemm 13-il qassis u 3 kjeriċi. Fiż-Żurrieq, fl-1738 f'popolazzjoni ta' xi 2,100 kien hemm 20 qassis, 2 suddjakni u 9 kjeriċi, u fl-1759 bil-popolazzjoni ta' xi 2,500 kien hemm 34 qassisin, 2 suddjakni, 7 kjeriċi u 9 kjeriċi miżżewġin. Lejn tmiem is-seklu dsatax f'Ħaż-Żebbuġ kien hemm 25 qassis, 5 kjeriċi u 10 kjeriċi żgħar. Fl-1744, fil-Mosta fost xi 2000 ruħ kien hemm 9 qassisin, 3 seminaristi u skont id-drawwa, 4 kjeriċi miżżewġin.**

**Xogħol u għemil tal-kjeriċi**

**Sa mill-Medjii Evu kien hawn kjeriċi ċelibi u miżżewġin. Fl-1346 l-Isqof Jacobus ried jappunta tliet nutara bil-patt li ma jkunux kjeriċi miżżewġin u lanqas ordnati qassisin. Fl-1356 l-Isqof Ilarjus ried tnejn bl-istess kundizzjonijiet. Fl-1372 l-Isqof Johannes ippermetta l-impieġ ta' mhux aktar minn 20 kjeriku, kemm miżżewġin kif ukoll li ser jordnaw.**

**Giuseppe Callus (ġie li jitħallat ma' Mattew Callus) kien kjeriku u tabib. Kien avventuruż u jintriga f'ħafna attivitajiet sakemm fl-aħħar spiċċa urta lill-Gran Mastru u ġie kkundannat għall-mewt. Ruma akkużat lill-Isqof li kien qed joħloq wisq kjeriċi u ssuġġerewlu li jagħżel ħaddiema u mpjegati mill-kjeriċi tiegħu stess. Akkużawħ ukoll li l-kjeriċi tiegħu kienu jagħmli li jridu mingħajr ma jingħataw kastig.  Saħansitra kien hemm**

fosthom min organizza bħal każin għal-logħob tal-azzard, ieħor kien armat u attakka kanonku, ieħor qatel mara u fera lil martu, u l-kjeriċi miżżewġa ma kkontribixxewx anqas xejn għall-istat, dejjem mingħajr ma jiġu ddixxiplinati.

Waqt li l-maġġoranza tal-kjeriċi ma kienu jagħmlu xejn minn dmirijiethom kien hemm uħud minnhom miżżewġin li kienu mfaħħra mill-kappillani. Girgor Bonnici kien sinjur benefattur kbir tal-knisja taż-Żejtun li kien irċieva t-tonsura mellu kellu biss 9 snin. Aktar tard kien sar ukoll ħakkiem fl-Imdina. Giovanni Gafà fil-Għargħur kien benefattur tal-fqar, u fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi, irrappreżenta lil raħlu. Sar ukoll logotenent fl-ewwel snin tal-ħakma Ngliża. Miet fl-1817 ta' 67 sena. Kjeriku miżżewweġ ieħor kien Tumas Dingli, disinjatur magħruf u perit tal-knisja tal-knisja l-qadima ta' Birkirkara, li miet fl-1666.

<u>Tmiem il-kjerici evażivi</u>

Meta l-Franċiżi ta' Napuljun invadew lil Malta, il-Kummissjoni tal-Gvern ħarġet ħafna regolamenti, fosthom li jillimitaw il-kunventi, jabolixxu l-fondazzjonijiet u l-kolleġġjati u li l-lajċi ma jistgħux jilbsu l-kullar u s-suttana jekk ma jkunux waslu biex jordnaw qassisin. Imma l-Franċiżi ma damux wisq jirrenjaw għax wara ftit ġimgħat qamu l-Maltin kontrihom u sfaw taħt tmexxija Ngliża. Kien għad baqa' keriċi kbar u żgħar li kellhom xi legat ta' xi fondazzjoni tal-familja. Dawn baqgħu jilbsu bħal qabel imma mingħajr il-privileġġi ta' immunitajiet u kellhom l-istess obbligi bħal ħaddieħor, għalhekk ma kienx baqa' aktar ħajra biex isiru kjeriċi ġodda.

Għas-seklu dsatax għad baqa' jidhru xi ritratti li juru wkoll tfal kjeriċi. Fl-istess żminijiet, bħala eżempju, insemmu lill-Kappillan ta' Ħad-Dingli. Dan fid-dar tiegħu kellu miegħu neputi kjeriku u żewġ ħutu, wieħed ta' 23 sena u l-ieħor ta' 12. Tabilħaqq insibu wkoll sal-1898, fil-KuUeġġ Sant'Injazju tal-Ġiżwiti f'San Giljan, fost it-tfal kien hemm diversi bit-tonsura u l-kullar Ruman waqt il-ħin tal-iskola u barra kienu jxiddu s-suttana, kappell u kappa. Fl-iskola, dawk ta' taħt l-għaxar snin setgħu jilbsu l-ilbies klerikali kollu jekk dawn kienu mitluba mill-kundizzjoni ta' xi legat jew benefikat. Fi żmienna, ix-xogħol li qabel kienu jagħmlu l-kjeriċi fil-knejjes qed isir mill-abbatini.